MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 89/2002

**Raymond Farrugia**

**vs**

**Sammy Mifsud**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tikkundanna lill-konvenut Sammy Mifsud ihallas is-somma ta’ erba’ mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm439) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) fi Triq ta’ Xhajma, limiti ta’ Victoria, Ghawdex bejn il-vettura tal-marka Lada u bin-numru tar-registrazzjoni FBF481 misjuqa u appartenenti lill-attur u l-vettura tal-marka Fiat Punto u bin-numru tar-registrazzjoni IBF 393 appartenenti lil Martin Mifsud u misjuqa mill-konvenut Sammy Mifsud, u ta’ liema incident inti konvenut kont unikament

responsabbli minhabba imperizji, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fit-22 ta’ April 2002 u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma’ dan l-avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut.”

Ra r-risposta:

“Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex ghalkemm ghall-incident in kwistjoni jahti l-esponenti, dan, tramite is-socjeta’ assiguratrici tieghu mill-ewwel accetta ir-responsabbilita’. Gara pero’ illi ghalkemm l-esponenti habat fil-vettura tal-attur min-naha ta’ wara, u ghamillu hsarat biss fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tieghu; l-attur beda jippretendi illi s-socjeta’ assikuratrici tibdillu ukoll ‘parts’ tal-vettura illi ma kienux affettwati bl-incident. Fost dawn kien hemm ir-radiator, l-istereo, u l-isteering wheel. Tajjeb jigi rilevat ukoll illi l-vettura tal-attur kellha ‘bull bar’ fuq wara u ghalkemm il-hsarat sofferti mill-konvenut kienu konsistenti, dawk tieghu kienu minimi. Minhabba fl-imgieba tal-attur is-surveyor inkarigat mis-socjeta’ attrici ma rnexxilux jikkonkludi is-survey report tieghu, u wara dakinhar l-isforzi kollha tas-socjeta’ assikuratrici sabiex tasal ghal soluzzjoni bonarja baqghu bla success.

Jibqa’ il-fatt ghalhekk illi l-pretensjonijiet tal-attur huma esagerati, u illi din il-kawza saret inutilment u intempestivament, u l-ispejjez taghha ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.”

Sema’ l-provi;

Ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

L-incident mertu ta’ din il-kawza jikkonsisti filli l-konvenut baqa’ diehel bil-vettura tieghu gewwa dik tal-attur li kienet miexja quddiemu. Il-konvenut ammetta r-responsabilita’

ghall-incident, imma eccepixxa li mhux responsabbli ghall-hsarat li l-attur talab il-hlas taghhom u li kienu fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza tieghu billi dawn ma kinux effettwati bl-incident.

Irrizulta li kien hemm hadida mwahhla fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-attur. Il-vettura tal-konvenut ghalhekk minflok habtet mal-bumper habtet ma' din il-hadida. Ma jirrizultax li l-attur kellu l-permess tal-pulizija biex saret din l-alterazzjoni (MVR 91) - ghalkemm fi kwalunkwe kaz tali permess ma jista' qatt jezonera lill-attur mir-responsabilita' ta' kull ma tista' tikkawza l-alterazzjoni fil-vettura - *Leonardo Sacco et vs Joseph Bonnici 19 ta' Frar 1962 – Appell Civili Kollezz XLVI.i.79.* L-imsemmi MVR 91, wara li jitratta dwar alterazzjonijiet in generali, f' para (d) jippreskrivi specifikatament li ebda persuna ma tista' twahhal ebda *bull bar* jew oggett iehor li jehel fuq vettura bil-mutur li jista' jkun ta' periklu ghat-traffiku jew ghall-persuni, u l-Kummissarju jista' jordna t-tnehhija ta' kull oggett simili imwahhal ma' vettura importata li jkollha zieda simili. Ghalhekk anke l-istess ligi tikkunsidra dak li ghamel l-attur bhala xi haga perikoluza li ghandha tigi pprojbita ossia regolata.

Il-habta ta' *bumper* ma' *bumper* suppost li hija l-iktar tip ta' habta li fiha l-vetturi jassorbu l-energija tal-impatt u b'hekk l-iktar li tigi evitata hsara lill-vettura: *To take full advantage of the energy-absorbing capabilities of the vehicle, the impact must be a bumper-to-bumper type of impact. If the impact area is greater than or less than half the height of the bumper, than an override or underride collision may take place.*

*Today's vehicles are designed with a relatively constant bumper height. This means that most vehicles under most braking conditions impact each other's bumpers. These bumpers must meet the FMVSS standards for low-speed impacts. To accomplish this they have devices between the backside of the bumper and the floor pan. They are sometimes called PGM's, which is a trade-name for the material used in some of them. the PGM's absorb energy by squeezing out a material into another chamber*

*inside the device, thus absorbing the low energy of impact. After impact, the material returns to its original position. – Donald J Van Kirk, Vehicular Accident Investigation and Reconstruction, CRC Press LLC, 2001.*

Dan apparti l-fatt li l-bumpers huma maghmulin minn materjal li minnu nnifsu jghin biex tigi assorbita parti ohra mill-energija tal-impatt.

Biz-zieda tal-hadida, (1) l-attur nehha ghal kollox il-kapacita' tal-vettura tieghu li tassorbi parti mill-energija tal-impatt u b'hekk zied l-effett tad-daqqa fuq il-karozza tieghu - apparti li zied il-hsara fil-vettura tal-konvenut li minflok bumper normali, immanufatturat apposta biex jassorbi x-xokkijiet u jikkawza l-inqas hsara lil vettura li tahbat mieghu, sab ma' wiccu hadida; u (2) ikkawza *override* jew *underride*, kif fuq spjegat, bil-konsegwenza li kkawza hsarat ikbar fil-vettura tal-konvenut.

L-espert nominat mit-Tribunal ikkonferma li minhabba l-hadida, li apparentement isservi bhala *tow-bar*, id-daqqa tal-vettura tal-konvenut giet resa iktar b'sahhitha, u li kieku ma kienx hemm din il-hadida, id-daqqa kienet tintilef izjed fuq il-bumper (fol 55 tal-process).

Illi filwaqt li s-surveyor Tarcisio Mercieca cahad li setghet grat hsara fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura bl-impatt min-naha ta' wara, il-perit tekniku qal li kien hemm <u>possibilita'</u> li dan tabilhaqq isehh (fol 54). Is-surveyor ibbaza l-konkluzjoni tieghu fuq l-esperjenza vasta tieghu, li matulha qatt ma ltaqa' ma' kaz fejn impatt fuq il-warrani tal-vettura jirrizulta wkoll fi hsarat fuq quddiem. Dan il-konflitt ta' opinjoni bejn dawn iz-zewg sinjuri, li huma t-tnejn esperti jista' jigi fil-fehma tat-Tribunal facilment irrikonciljat mill-fatt li <u>normalment</u> il-bumper ta' wara jassorbixxi parti mill-impatt li ghalhekk ikun ristrett kollu jew kwazi kollu ghall-parti ta' wara tal-vettura, filwaqt li f'dan il-kaz ma kien hemm xejn x'jilqa' ghall-impatt; anzi, ghall-kuntrarju, kif qal l-espert tekniku, il-hadida mhux talli ma naqsitx, talli ziedet il-qawwa tal-habta.

Illi skond Artiklu 1051 tal-Kodici Civili, jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni tiddeciedi fid-diskrezzjoni taghha, f'liema proporzjon dik tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont tad-danni jigi mnaqqas proporzjonalment. Gie ritenut mill-Qrati taghna f'kazi simili ta' incidenti stradali li *ankorke'* "ex hypothesi" *kellu jinghad fil-kaz prezenti li l-attur kien il-kagun uniku tal-"incident" fis-sens tal-avveniment tal-"habta", il-konvenut ma jistax jitqies ezenti minn kull responsabilita' ghar-risarciment tad-danni jekk hu, bil-htija tieghu, ikkontribwixxa biex il-habta **tkun aghar** minn dik li kienet tkun u d-dannu kkagunat biha kien ghalhekk akbar – Qorti tal-Appell Civili, Joseph Cachia vs Carmelo Conti et – 2 ta' Marzu 1964 Kollez XLVIII.i.163.*

Illi l-vetturi kollha jigu kostruwiti u mghammra b'sistemi xjentifici illum ferm avvanzati b'mod li fil-kaz li jsehh xi incident, jnaqqsu l-periklu kemm ghas-sewwieq u passiggieri kif ukoll ghall-utenti l-ohra tat-triq. B'mod partikolari jridu jigu evitati sporgenzi mhux awtorizzati mid-ditta li tkun immanufatturat il-vettura - *Trattato di Infortunistica Stradale, pagna 306 – G Cassano u G Nisini, Casa Editrice La Tribuna, 2003.* Ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-alterazzjoni xejn xjentifika da parti tal-attur gabet fix-xejn il-kontribut tax-xjenza biex jigu mminimizzati d-danni fil-vettura tieghu u ghalhekk kellu htija kontributorja ghall-incident.

Illi b'ezercizzju tad-diskrezzjoni lilu moghtija mill-precitat artikolu tal-Kodici Civili, it-Tribunal japporzjona t-tort terz lill-attur u zewg terzi lill-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur izda limitatament ghas-somma ta' LM292.66c bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali hlas effettiv. Billi sa certu punt din il-kawza saret inutilment, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------